



Brussell, 11 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14549/19

Fajls Interistituzzjonali:
2019/0181(NLE)
2019/0185(NLE)

MIGR 199
COEST 266

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni - Adozzjoni Abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fit-28 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni (6623/1/11 REV 1 UE RESTREINT). Din id-Deċiżjoni awtorizzat lill-Kummissjoni biex tinneogzja f'isem l-Unjoni u tat lill-Kummissjoni d-direttivi ta' negozjar meħtieġa għal dak il-għan.
2. In-negozjati tnedew formalment fit-30 ta' Jannar 2014 u l-ewwel ċiklu ta' negozjati formali sar f'Minsk fit-13 ta' Ġunju 2014. Din għet segwita minn tliet ċikli ta' negozjati, l-ewwel fi Brussell fil-25 ta' Novembru 2014, imbagħad fil-11 ta' Marzu 2015 u fl-20 ta' Ġunju 2017 f'Minsk. In-negozjaturi ewlenin inizjalaw it-test tal-ftehim fis-17 ta' Ġunju 2019 permezz ta' skambju ta' posta elettronika.

3. Fit-30 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill:
- Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarusja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni (11846/19);
 - Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarusja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni (11848/19+ADD1).
4. Il-proposti għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehim imsemmi hawn fuq ġew eżaminati u approvati mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Integrazzjoni, il-Migrazzjoni u t-Tkeċċija (IMEX Tkeċċija) fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Settembru 2019.
5. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew hija meħtieġa qabel ma l-Kunsill jadotta d-Deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni tal-ftehim dwar ir-riammissjoni.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
- jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarusja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirrisjedu mingħajr awtorizzazzjoni, kif tinsab fid-dokument 12144/1/19 REV 1 (test iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti) dwar il-Ftehim imsemmi hawn fuq (li jinsab fid-dokument 12160/19 - test iffinalizzat mill-ġuristi-lingwisti);
 - jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew;

- jiddeċiedi li t-test tad-Deċiżjoni ta' hawn fuq jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali, serje "L", f'konformità mal-Artikolu 17(1)(d) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.
- jiddeċiedi li jippreżenta l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarużja dwar ir-riammissjoni ta' persuni li jirriġeddu mingħajr awtorizzazzjoni, kif jinsab fid-dokument 12158/1/19 REV 1 kif ukoll it-test tal-ftehim ta' riammissjoni kif jinsab fid-dokument 12160/19 (it-testi iffinalizzati mill-ġuristi-lingwisti) lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
